MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 581/2003

**Angelico Spiteri**

**Vs**

**Thomas Anthony Mallia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avvizipprezentat fis-17 ta` Marzu, 2003 li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta` mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm155.25c) rapprezentanti d-danni sofferti b'konsegwenza ta` incident stradali li sehh fit-8 ta` Frar, 2003 fi Triq Sant' Anna l-Floriana bejn il-vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta` registrazzjoni IMY 319 misjuqa mill-attur u l-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru ta` registrazzjoni AAD 715 misjuqa mill-konvenut liema incident stradali sehh unikament bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta` osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta` hlas effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit illi dak li l-attur talab ghandu jigi michud bl-ispejjez ghax ghall-incident *de quo* ma kienx jahti l-eccipjent.

Ra x-xhieda ta` Angelico Spiteri (Judge's notes) kif ukoll sema` x-xhieda viva voce tal-istess Angelico Spiteri, ra x-xhieda tal-konvenut u ta` PS1444 Kenneth Brignano, u d-dokumenti kollha ezebiti fil-kawza.

Ra li fis-seduta tad-29 ta` Jannar, 2003 filwaqt li l-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum, il-partijiet ittrattaw il-kawza u li ghalhekk thalliet ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi skond it-tezi tal-attur, huwa kien qed issuq il-minibus numru ta` registrazzjoni IMY 319 fi Triq Sant' Anna l-Floriana sejjer fid-direzzjoni mill-Belt lejn il-Hamrun. Mieghu kellu tlett passiggieri li kien qed iwassalhom id-dar. Kif wasal fi triq Sant' Anna l-Floriana lejn nofs il-logog huwa ried jieqaf biex inizzel passiggier. Hu jghid li slowja u xeghel l-indicator li kien bi hsiebu jieqaf. F'daqqa wahda kien hemm karozza li kienet fuq il-kareggjata ta` barra minnu u din kissret ghal fuqu u ghalkemm l-attur ipprova jiskapolah xorta wahda sehhet il-kollizzjoni. B'rizultat tal-kollizjoni, l-minibus bdiet ticcaqlaq ftit u ghall-mument l-attur haseb li ser tinqaleb izda mbaghad eventwalment waqaf u skond l-isketch jirrizulta li waqaf distanza ta` tmienja u ghoxrin metru (28 metres) il-boghod minn fejn kienet waqfet il-karozza tal-konvenut. Mistoqsi dwar is-sitt metri (6 metres) brake marks indikati fuq l-iskizz, huwa qal li dawn ma kienux brake marks izda kienu skid marks b'rizultat tal-habta.
Il-konvenut xehed illi huwa kien qed issuq il-karozza Skoda hiereg mill-Belt u kien ghaddej minn Triq Sant' Anna l-Floriana u kien ghaddej ghall-affari tieghu u jghid illi l-van gie minn warajh u pprova jaqbzu minn gewwa u baqa` diehel gol-karozza tieghu. Izda mbaghad zied ighid:

"il-hsara kienet fuq il-bieba ta` quddiem, mudguard u r-rota. Niftakar li fuq l-istage kien hemm karozza pparkjata. Jien il-van li pprova jaqlani minn gewwa ma rajtux. Id-daqqa li rajt jien."

Sussegwentement il-konvenut ikkonferma l-posizzjoni tal-vettura kif murija fl-isketch u mistoqsi dwar il-kummenti tieghu dwar il-brake marks qal li huwa ma kienx jiftakarhom. Fuq kontro-ezami kkonferma li qabel l-incident kien qed jiehu drink u ftakar li l-pulizija ghamlulu l-breathalyser ma ftakarx ir-rizultat. Huwa kkonferma li joqghod Triq il-Fosos.

Ir-rapport maghmul mill-pulizija li nvestigaw il-kollizjoni jirrifletti dak li qalu s-sewwieqa f'dawn il-proceduri bid-differenza li jirrizulta li fuq talba tal-attur sar test tal-breathalyser fuq il-persuna tal-konvenut u nstab li kellu 86mg/100 u sussegwentement sar test iehor billi fl-ewwel test kien wehel, izda huwa rrifjuta li jaghmel testijiet ohra. Rizultati tat-test tal-breathalyser huma wkoll ezebiti.

Illi kif sewwa qalu l-avukati difensuri tal-partijiet, f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet konfliggenti u ghalhekk it-Tribunal ghandu jara liema verzjoni hija l-aktar vero simili. Iz-zewg tezijiet tal-partijiet huma plasibbili izda t-Tribunal jhoss illi certi fatturi huma determinanti:-

1. Kif jikkombacjaw is-sitt metri (6 metres) brake marks ma dak li qalu z-zewg drivers?
2. Il-hsarat kienu minimi.
3. Id-distanza ta` tmienja u ghoxrin metru (28 metres) mill-ispot of impact ghal fejn waqfet il-karozza tal-attur mentri dik tal-konvenut hija qrib hafna .
4. Il-posizzjoni kif spiccat il-vettura tal-konvenut.
5. L-attur kellu tlett passiggieri mieghu – hadd minnhom ma xehed.
6. Il-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb.

Tenut kont il-premess it-Tribunal jidhirlu li z-zewg sewwieqa jahtu ghall-incident in kwistjoni.

Fir-rigward tal-attur huwa evidenti illi, kontrarjament ma dak li xehed, jirrizulta illi huwa kien qed jaghmel manuvra ta` sorpass minn naha ta` gewwa tal-karozza tal-konvenut. Certament kien ghaddej b'velocita ferm aktar qawwija u ma tantx huwa vero simili li kien qed jisslowja billi, wara li l-vettura tieghu ntlaqtet huwa kien ser jitlef il-kontroll u haseb li ser jinqaleb. Waqaf f'distanza ta` tmienja u ghoxrin metru (28 metres) u dan wara li kien hemm sitt metri (6 metres) skid marks. Dawn is-skid marks m'humiex dritti.

F'dan il-mument ta` sorpass huwa kellu obbligu li jzomm *a proper lookout* u jaccerta ruhu li jista` jaqbez il-karozza ta` quddiemu minghajr xkiel. Huwa kien irresponsabbli meta pprova jissorpassa minn gewwa.
Mill-banda l-ohra l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fuq il-ponta ta` wara fuq in-naha tad-driver waqt li l-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq ix-xewka ta` quddiem fin-naha tal-passiggier. Il-brake marks huma fil-karreggjata tal-attur u ghalhekk dan ifisser li l-vettura tal-attur kienet fuq il-lane taghha, li kienet kwazi qabzet il-vettura tal-konvenut u li kienet il-vettura tal-konvenut li daret lejn ix-xellug u laqtet il-vettura tal-attur.

Il-konvenut *ex admissis* ighid li ma rax il-vettura tal-attur qabel l-incident. Rah mad-daqqa u dan ifisser li qabel ma biddel il-vija tieghu huwa ma hax prekawzjonijiet biex jara jistghax jaghmel hekk minghajr hsara. Ma kienx qed izomm *a proper lookout*. Il-fatt li kien taht l-influwenza tax-xorb certament ma ghinx. Ma tantx kien miexi b'velocita tant li waqaf vicin hafna tas-*spot of impact*. Ma dan wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-incident gara ftit wara nofs il-lejl meta ma tantx ikun hemm traffiku u wiehed ma tantx jistenna li f'dawn il-hinijiet jigi minibus u jipprova jaqbzek minn gewwa b'certu speed.

Tenut kont tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi z-zewg kontendenti huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Fir-rigward tal-quantum dan mhux qed jigi kontestat u ghalhekk it-talba f'dan ir-rigward hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi illi l-incident in kwistjoni sehh b’tort taz-zewg partijiet f’sehem indaqs bejniethom u konsegwentement it-talba attrici qeghda tigi milqugha limitatament ghas-somma ta` sebgha u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm77.63c) cioe nofs tal-ammont mitlub. L-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------